L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

# Korsarju

KORSIJIET LI JOFFRI
D-DIPARTIMENT TAL-MALTI



# Korsarju

Korsijiet li joffri d-Dipartiment tal-Malti

© Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti, L-Università ta' Malta, Settembru 2024

Kitba: Adrian Grima

Disinn: Gabriel Izzo, L-Uffiċċju tal-Kummerċjalizzazzjoni, il-Komunikazzjoni u l-Alumni, L-Università ta' Malta

Ħajr speċjali lil Anthea Enriquez, koordinatriċi ta' Festalingwi 2024 għad-Dipartiment tal-Malti, Michael Spagnol, Noel Caruana, Student Advisor, Student Advisory Services, u lil Vincent Sammut mill-Admissions & Records Office tal-Università ta' Malta

Pittura tal-Kursara Maltin fuq il-qoxra: Ħajr lil Heritage Malta

L-ewwel edizzjoni: Settembru 2024
It-tieni edizzjoni miżjuda: Ottubru 2024

**Id-Dipartiment tal-Malti**

Fil-portal tar-riċerka tad-Dipartiment tal-Malti hemm għadd ta' riżorsi għall-istudju tal-lingwa, il-letteratura u l-kultura Maltija: **malti.mt**
Is-sit uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti: um.edu.mt/arts/malti
Informazzjoni dwar il-korsijiet u l-miżati: um.edu.mt/arts/malti/korsijiet

Il-membri tad-Dipartiment tal-Malti: Kirsty Azzopardi, Dwayne Ellul, George Farrugia, Adrian Grima, Bernard Micallef, Immanuel Mifsud, Manwel Mifsud, Michael Spagnol, Justine Somerville, u Olvin Vella.

L-uffiċċju amministrattiv: Id-Dipartiment tal-Malti, Il-Fakultà tal-Arti, L-Università ta' Malta, L-Imsida MSD 2080, Malta. Tel. +356 2340 3303 – malti.arts@um.edu.mt
L-amministratur huwa Andrea Portelli, megħjun minn Jessica Sant Cilia (Malti Mediku), u Doreen Attard (Manager tal-Fakultà tal-Arti).

Tagħrif dwar il-**miżati tal-korsijiet** jinkiseb minn um.edu.mt/arts/malti jew admissions@um.edu.mt

**Avviż importanti:** Dan il-ktejjeb joffri informazzjoni ġenerali dwar il-korsijiet tad-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti, L-Università ta' Malta. L-informazzjoni uffiċjali, dettaljata u aġġornata dwar dawn il-korsijiet tinsab fis-sit tal-Università ta' Malta, um.edu.mt. Id-Dipartiment tal-Malti ma jerfa' ebda responsabbiltà jekk tagħrif li jingħata hawnhekk ma jkunx korrett fil-mument meta jiġi f'idejn il-qarrejja.

# Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Dwar id-Dipartiment tal-Malti | **4** |
| Baċellerat fl-Arti | **5** |
| Masters fl-Arti (bir-Riċerka) | **8** |
| Masters fl-Arti (bit-Tagħlim) (ILMA) | **9** |
| Korsijiet oħra tal-Masters għall-Gradwati tal-Malti (Ġen./Unuri) | **10** |
| Dottorat | **12** |
| Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti | **14** |
| Il-Malti bħala Lsien Barrani | **15** |
| MAL0011 \| Beginner Level | **16** |
| MAL0012 \| Elementary Level | **16** |
| MAL0013 \| Pre-Intermediate Level | **17** |
| MAL0014 \| Intermediate Level | **17** |
| MAL0016 \| Pre-Advanced Level | **18** |
| MAL0018 \| Advanced Level | **18** |
| MAL0021 \| Speak Maltese! Basic Level 1 | **19** |
| Il-Malti għall-Professjonisti fl-Oqsma tas-Saħħa | **20** |
| Maltese for the Healthcare Professions | **20** |
| Medical Maltese Proficiency Course | **22** |
| DegreePlus | **23** |
| DGP0455 Nagħmlu Storja Tinkiteb | **23** |
| DGP0456 Ritmi Mqallba | **24** |
| DGP0453 Tisħiħ fil-Kitba tal-Malti 1 | **24** |
| DGP0459 L-Użu tal-Malti fil-Qasam Legali | **25** |
| DGP0457 Il-Lingwa tas-Saħħa, is-Saħħa tal-Lingwa | **25** |
| Katalgu | **27** |

## Dwar id-Dipartiment tal-Malti

Id-Dipartiment tal-Malti jaħdem biex, permezz tat-tagħlim u r-riċerka, iġib 'il quddiem l-istudju tal-ilsien Malti u tal-letteratura tiegħu. Dan jagħmlu f'għadd ta' korsijiet li jwasslu lill-istudenti biex jiksbu Ċertifikat, Baċellerat, Masters u Dottorat fil-Malti. Minbarra l-korsijiet ta' filgħodu, id-Dipartiment tal-Malti joffri żewġ korsijiet ta' filgħaxija: iċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti, bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u l-M.A. fl-Interpretazzjoni tal-Letteratura Maltija (ILMA).

Barra minn hekk, id-Dipartiment jipprovdi programmi ta' studju lil studenti minn dipartimenti, fakultajiet u istituti oħra, bħalma huma l-istudenti tal-mezzi tax-xandir u l-komunikazzjoni, tax-xjenzi u t-terapija tal-komunikazzjoni, tal-politika soċjali u l-ħidma soċjali, u tal-mediċina. Jaħdem ukoll fir-riċerka u t-tagħlim tal-Malti bħala Lsien Barrani. Fl-aħħar snin żviluppa programmi fl-użu tal-Malti f'oqsma speċjalizzati, bħall-Malti għall-professjonisti mediċi, għall-ħaddiema soċjali, għall-amministraturi pubbliċi, u għall-ġurnalisti u x-xandara. B'mod regolari, jorganizza korsijiet fi ħdan id-DegreePlus li jkopru temi bħall-ortografija u t-tisħiħ tal-lingwa, il-kitba kreattiva tal-poeżija u tan-novella, il-Malti fil-qasam tas-saħħa, u l-Malti legali.

Id-Dipartiment tal-Malti beda fit-tletinijiet tas-seklu għoxrin. Il-Prof. Ġużè Aquilina bena d-Dipartiment u fil-bidu ħadem tista' tgħid waħdu fl-oqsma tal-letteratura u tal-lingwistika. Minn dak iż-żmien inbidlu ħafna l-affarijiet. Illum, għaxar letturi jgħallmu qasam jew ieħor skont l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. U d-Dipartiment tal-Malti sar wieħed mill-ikbar dipartimenti fil-Fakultà tal-Arti. Kull sena akkademika, madwar 600 ruħ isegwu korsijiet organizzati mid-Dipartiment dwar il-lingwa u l-letteratura Maltija fil-livell ta' Ċertifikat, Baċellerat, Masters, u Dottorat.

Id-Dipartiment tal-Malti jaħdem mill-qrib ma' dipartimenti f'bosta fakultajiet u jikkollabora ma' akkademiċi barra minn Malta, u ma' istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali ewlenin, fosthom l-Institut National des Langues et Civilisations Orientales ta' Pariġi (INALCO), l-Università ta' Bremen, u l-Università ta' Utrecht.

# Baċellerat fl-Arti | Baċellerat fl-Arti (Unuri)

Il-kors tal-Baċellerat fil-Malti jiffoka fuq oqsma tal-lingwistika tal-Malti bħall-fonoloġija, il-morfoloġija, is-sintassi, is-semantika, il-psikolingwistika, is-soċjolingwistika, il-lessikografija, u l-lingwistika tal-korpus; jiffoka wkoll fuq oqsma tal-istudji letterarji bħalma huma l-interpretazzjoni kontemporanja ta' xogħlijiet letterarji Maltin, l-istorja letterarja, l-evalwazzjoni u l-applikazzjoni ta' tradizzjonijiet kritiċi differenti, u l-iżviluppi kontinwi fit-teorija letterarja. Permezz ta' dawn l-istudji, l-istudenti jirriflettu, anki minn perspettiva reġjonali, fuq l-istorja, fuq l-evoluzzjoni tas-soċjetà u l-kultura Maltija, u fuq il-funzjoni ċentrali tal-lingwa fit-tiswir ta' narrattivi individwali u kollettivi.




Il-kors isir matul il-ġurnata u fih jistgħu jinkitbu studenti li kisbu l-kwalifiki mitluba mill-Università ta' Malta, fosthom ċertifikat fil-Livell Avvanzat tal-Malti (minn C 'il fuq). Jistgħu jinkitbu wkoll dawk il-persuni li jkunu għalqu t-23 sena (u għalhekk jitqiesu bħala studenti "maturi") u li minkejja li ma jkollhomx il-kwalifiki meħtieġa, juru li kapaċi jidħlu għall-kors u jagħmlu x-xogħol mitlub.

Fl-ewwel sena tal-istudji tagħhom, l-istudenti tal-Baċellerat ikollhom suġġett ieħor mal-Malti magħżul minn dawk li jidhru fil-lista hawn taħt, bħall-Ingliż jew is-Soċjoloġija. Imbagħad fit-tieni sena tal-kors jagħżlu bejn

- il-kors li jissejjaħ "Unuri", li fih jispeċjalizzaw fil-Malti imma jkomplu jistudjaw ftit is-suġġett l-ieħor tagħhom bħala suġġett "sussidjarju", u
- il-kors li jissejjaħ "Ġenerali" (jew "joint"), li fih iżommu ż-żewġ suġġetti u jiddedikaw l-istess ammont ta' ħin lit-tnejn li huma.

L-istudenti li jagħżlu r-rotta tal-B.A. (Unuri) jiktbu teżi fuq suġġett li jagħżlu huma. Dan ikun il-proġett speċjali u uniku tagħhom matul il-kors għax ir-riċerka trid tkun oriġinali. Is-suġġett jista' jkun fuq xi aspett tal-letteratura, tal-lingwa, jew qasam li jmiss mat-tnejn li huma, bħat-tradizzjonijiet orali. Fl-aħħar tal-kors, it-teżi tingħata lil-Librerija tal-Università u jkunu jistgħu jaqrawha u jużawha dawk kollha li jużaw is-servizzi elettroniċi tal-Librerija. Uħud mit-teżijiet tal-Baċellerat fil-Malti ħarġu bħala kotba, fosthom dwar il-lingwaġġ tal-futbol, il-poeżiji ta' Manwel Dimech, u r-Realiżmu fir-rumanzi ta' Ġużè Chetcuti.

Ir-rotta tal-B.A. (Ġen.) toffri l-possibbiltà li l-istudenti jżommu ż-żewġ suġġetti li jkunu għażlu fl-ewwel sena. Fl-aħħar tal-kors jagħmlu l-eżamijiet finali fiż-żewġ suġġetti u jiggradwaw fit-tnejn li huma. Minn din ir-rotta l-istudenti xorta jistgħu jagħmlu Masters fil-Malti. Jekk jagħżlu l-M.A. fl-Interpretazzjoni tal-Letteratura Maltija (ILMA), ma jkollhom bżonn ebda tħejjija jew kwalifiki oħra; jekk jagħżlu l-Masters bir-Riċerka, jiġifieri b'teżi biss, ikunu jridu jagħmlu xi suġġetti tal-Malti minn dawk li ma jkunux għamlu waqt il-Baċellerat, u dawn jagħmluhom waqt li jkunu għaddejjin bil-Masters.

Mal-Malti, l-istudenti tal-Baċellerat jistgħu jagħżlu wieħed minn dawn is-suġġetti: l-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, l-Istorja, il-Filosofija, il-Psikoloġija, l-Istudji Soċjali, is-Soċjoloġija, l-Istudji tal-Komunikazzjoni, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji taż-Żfin, l-Istorja Ewropea u Globali, l-Arti, l-Istorja tal-Arti, il-Lingwistika, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Istudji tal-Ispanjol u l-Amerika Latina, it-Taljan, l-Immaniġġjar tat-Tagħrif u l-Informazzjoni, u l-Kulturi u l-Lingwi tal-Lvant Nofsani u l-Asja (l-Għarbi, jew iċ-Ċiniż, jew l-Ebrajk, jew l-Istudji tal-Lvant Qarib).




Il-gradwati tal-Malti ssibhom kemm fis-settur pubbliku u privat kif ukoll fit-tielet settur, speċjalment f'xogħlijiet li fihom jistgħu jħaddmu l-lingwa b'mod kreattiv u effettiv f'soċjetà li l-ħin kollu tinbidel. Ħafna

minnhom jaħdmu bħala għalliema, uffiċjali fis-servizz pubbliku, ġurnalisti, tradutturi, operaturi kulturali, kittieba, edituri, uffiċjali fil-qasam tar-riżorsi umani, organizzaturi ta' avvenimenti, reviżuri tal-lingwa, u qarrejja tal-provi. Hemm għadd ta' gradwati tal-Malti li qed jaħdmu barra minn Malta.

## MQF 6 | Tliet snin full-time, sitt snin part-time



# Masters fl-Arti (bir-Riċerka)

L-istudenti tal-M.A. fil-Malti bir-Riċerka jiktbu xogħol oriġinali ta' riċerka fit-tul fuq suġġett tal-għażla tagħhom. Jistgħu jagħżlu suġġett marbut mal-lingwa, mal-letteratura u l-kultura orali Maltija. F'kull qasam ta' studju terzjarju hemm element qawwi ta' interdixxiplinarjetà, għaldaqstant il-konfini bejn suġġetti differenti mhumiex fissi imma dejjem dinamiċi. Ngħidu aħna, teżi li tiffoka fuq il-metafora tista' tinqeda bl-għodod analitiċi li joffru kemm il-lingwistika u l-analiżi tal-letteratura, kif ukoll l-istudji kulturali, il-filosofija u l-psikoloġija. Għalhekk, teżi fil-livell ta' M.A. tista' tirrikorri wkoll għall-għarfien li joffru dixxiplini oħrajn li jeżistu fi ħdan il-Fakultà tal-Arti u lil hinn u li jikkumplimentaw id-direzzjoni li joffru l-letturi fid-Dipartiment tal-Malti.

Teżi tal-M.A. fil-Malti tista' tiffoka, fost l-oħrajn, fuq awturi u xogħlijiet letterarji partikulari, bħal fil-każ ta' teżi fuq Ġużè Bonnici u r-rumanz tiegħu *Ħelsien* (1939), jew il-maskulinità fraġli fir-rakkont *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* u f'*Jutta Heim* ta' Immanuel Mifsud; fuq l-oralità, bħal fil-każ ta' teżi fuq l-ironija fil-versi popolari; fuq il-lingwistika, bħal fil-każ ta' teżi fuq il-formazzjoni tal-kelma fil-Malti li tħares lejn restrizzjonijiet f'numru ta' suffissi derivattivi magħżula; u fuq l-ippjanar lingwistiku, bħal fil-każ ta' teżi fuq kif tista' tintuża l-lingwa fl-amministrazzjoni pubblika. Hemm għadd kbir ta' possibilitajiet u l-istudenti jagħżlu liema qasam jinteressahom u liema skola ta' ħsieb u analiżi jridu jinqdew biha fir-riċerka tagħhom.

Il-gradwati tal-M.A. fil-Malti ħafna drabi jaqbdu karriera f'oqsma bħalma huma t-tagħlim u s-servizzi edukattivi, it-traduzzjoni, l-amministrazzjoni pubblika, is-settur privat u t-tielet settur, il-mezzi tax-xandir u l-marketing, l-industriji kreattivi, u l-management kulturali. Il-ħiliet trasferibbli li jiksbu, bħalma hi l-ħila li jorganizzaw u jmexxu proġett ta' riċerka, jew il-ħila li jużaw il-lingwa b'mod preċiż u effettiv, jgħinuhom biex jaħdmu wkoll f'ambjent ta' uffiċċju f'organizzazzjonijiet u intrapriżi stabbiliti.

Gradwati tal-M.A. fil-Malti jistgħu jagħżlu li jkomplu jistudjaw il-lingwa jew il-letteratura fid-Dipartiment tal-Malti fil-livell ta' dottorat.

**MQF 7 | Sena u nofs full-time; tliet snin part-time**

# Masters fl-Arti (bit-Tagħlim) (ILMA)

Minn Ottubru 2025 id-Dipartiment tal-Malti se joffri, għall-ewwel darba, kors tal-Masters b'60 ECTS fil-forma ta' lectures filgħaxija online u fil-klassi u teżi ta' 20,000 kelma li jiftaħ kull sentejn.

Il-programm tal-M.A. fl-Interpretazzjoni tal-Letteratura Maltija (ILMA) joffri għarfien ġdid ta' skejjel ta' ħsieb dwar l-apprezzament kritiku u l-esperjenza tal-letteratura li xterdu lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin u l-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin.

Il-letteratura qed ninterpretawha bħala qasam pjuttost fluwidu li jinkludi tipi ta' kitba li mhumiex magħluqin fil-konfini tan-narrattiva, il-poeżija u d-drama, u li jirriflettu l-iżviluppi fil-qasam diġitali, fosthom fil-qasam tal-pubblikazzjoni online u l-filmati. Fil-kors se jkun hemm element importanti ta' kitba kreattiva li aħna se ninterpretawha mhux biss bħala kitba li tibda "mix-xejn" imma bħala reazzjoni għat-tradizzjoni qadima u iktar reċenti tal-letteratura Maltija u internazzjonali. F'dan is-sens, il-kitba kreattiva hija pożizzjoni intellettwali daqskemm innovazzjoni kreattiva.

Il-programm se jrawwem fl-istudenti l-ħila li jinvolvu ruħhom fit-tiswir ta' elementi letterarji u kreattivi permezz tal-mekkaniżmi tal-ġeneru. Dawn l-elementi nsibuhom f'ġeneri differenti u jinkludu, fost l-oħrajn, il-karattru, il-post, l-ambjentazzjoni, il-plott, u l-vuċi lirika jew narrattiva.

Is-suġġetti li se jkopri l-kors huma l-istorja letterarja, ir-retorika u l-ingann, perspettivi fenomenoloġiċi, l-ermenewtika letterarja, ir-rispons tal-qarrejja, il-ġisem, il-ġeneru u s-sesswalità, il-belt u l-iġsma li jduru fiha, il-memorja, ir-reliġjon, id-djalogu bejn il-letteratura u forom artistiċi oħra, u l-kitba kreattiva.

**MQF 7 | Sentejn filgħaxija; erba' snin part-time**

# Korsijiet oħra tal-Masters għall-Gradwati tal-Malti (Ġen./Unuri)

Il-gradwati bil-B.A. fil-Malti (Ġen. u Unuri) jistgħu japplikaw għal **M.A. bir-Riċerka** fil-Lingwa jew il-Letteratura Maltija (jagħmlu teżi biss), jew **M.A. fl-Interpretazzjoni tal-Letteratura Maltija** (ILMA) (bil-lectures u teżi).

Jistgħu japplikaw ukoll għal korsijiet oħra fil-livell ta' Masters li toffri l-Università ta' Malta. Għal uħud mill-korsijiet il-Fakultà li tkun tista' titlob lill-applikanti jagħmlu kors preparatorju qabel ma jibdew il-kors tal-Masters.

Għall-fini ta' dħul fi wħud minn dawn il-korsijiet, l-Università ta' Malta tikkunsidra wkoll l-esperjenza ta' xogħol relatata mal-qasam ta' studju. Għal uħud mill-korsijiet l-applikanti għandhom japplikaw ukoll taħt l-iskema "Recognition of Prior Learning."

Xi korsijiet ma jiftħux kull sena u jista' jkun li minn żmien għal żmien jiżdiedu u jonqsu xi korsijiet. Għal tagħrif aġġornat żuru s-sit tal-iStudent Advisory Services.

- Master of Arts in Film Studies
- Master of Arts in Humanitarian Action
- Master of Arts in Health, Medicine and Society
- Master in Interpreting Studies
- Master in Translation and Terminology Studies
- International Executive Master of Business Administration
- Master of Arts in Public Policy Leadership
- Master in Teaching and Learning (Primary and Secondary, including Maltese and Ethics Education)
- Master of Arts in Museum Education
- Masters of Arts in Mediation
- Master of Science in Cognitive Science
- Master of Science in Addiction Studies *
- Master of Arts in Community Action and Development
- Master of Arts in Criminology
- Master of Arts in Disability Studies
- Master of Arts in Social Policy
- Master of Gender Studies
- Master of Gender, Society and Culture
- Master in Counselling
- Master of Arts in Environmental Ethics
- Master of Arts in Spirituality
- Master of Arts in Spiritual Companionship
- Master of Science in Digital Games
- Master in Creativity and Innovation

- Master of Arts (Research on Islands and Small States)
- Master of Arts in Islands and Small States Studies
- Master of Arts in Linguistics
- Master in Maltese Studies
- Master of Arts in Mediterranean Studies
- Master in Knowledge-based Entrepreneurship
- Master in Education for Sustainable Development
- Master in Lifelong Career Guidance and Development
- Master of Arts in Conflict Resolution and Mediterranean Security *

* Id-dħul għal dawn il-korsijiet huwa limitat għal studenti li għandhom Baċellerat (Unuri)

Noel Caruana, Student Advisor, **Student Advisory Services**



# Dottorat

L-istudenti tad-Dottorat fid-Dipartiment tal-Malti normalment jiktbu t-teżi tagħhom fuq il-lingwa jew fuq il-letteratura Maltija, imma jistgħu jiffukaw ukoll fuq qasam tal-kultura, ngħidu aħna l-kultura orali, li jmiss ma' dawn iż-żewġ oqsma ewlenin.

Dawk li japplikaw għal Ph.D fil-Malti normalment ikollhom M.A. bir-riċerka jew bit-tagħlim fil-Malti, imma jistgħu jiġu aċċettati wkoll applikanti b'Masters f'oqsma oħrajn bħal-Lingwistika.

Fi żmien meta l-interdixxiplinarjetà daħlet f'kull suġġett u għenet biex niksbu għarfien aktar komprensiv ta' kull qasam ta' studju, id-dottorandi tal-Malti qed jistħarrġu għadd ta' oqsma, mill-istorja ta' kif ġie studjat l-ilsien u l-lingwistika komputazzjonali, sat-teorija letterarja, il-letteratura kontemporanja, u t-tradizzjoni orali.

Studenti tad-Dottorat (Ph.D.) fil-lingwa Maltija jiktbu teżi dwar qasam tal-lingwistika li ma ġiex studjat jew qasam magħruf li jistudjawh minn perspettiva differenti. Jistgħu, fost l-oħrajn, jiffukaw fuq (a) oqsma tal-istruttura u l-funzjoni ġenerali tal-Malti: il-fonetika u l-fonoloġija, il-morfoloġija, is-sintassi, is-semantika, u l-pragmatika; (b) temi soċjolingwistiċi, bħall-bilingwiżmu f'Malta, l-attitudnijiet lingwistiċi, id-djalettoloġija, u l-lingwa inklużiva; (ċ) l-istorja tal-lingwa, fosthom l-iżvilupp tal-alfabett u l-grammatika, il-bidla fil-ħsejjes, fil-binja u fit-tifsir tal-kliem, studji komparattivi tal-Malti sew ma' ilsna Semitiċi u sew ma' varjetajiet lingwistiċi fi Sqallija u fin-Nofsinhar tal-Italja, u l-firxa tal-Ingliż fil-Malti; (d) il-lingwistika applikata, bħall-politika lingwistika, il-ksib tal-lingwa mit-tfal u minn immigranti, il-lessikografija, it-terminoloġija, u t-tħaddim tal-lingwa fix-xandir; u (e) il-lingwa u t-teknoloġija, ngħidu aħna fil-lingwistika komputazzjonali, fl-NLP u l-Intelliġenza Artifiċjali, u fil-bini u t-tħaddim tal-korpus u ta' għodod ta' stħarriġ fl-epoka diġitali. Fil-livell ta' dottorat, l-istudenti mhux biss jużaw l-iktar teoriji lingwistiċi u skejjel ta' ħsieb aġġornati iżda jirriflettu wkoll fuq kemm huma addattati bħala għodda ta' riċerka għall-qasam tal-ilsien Malti li jkunu qed jistudjaw. F'dan is-sens, id-dottorandi jridu juru li kapaċi jevalwaw argumenti, tendenzi, tradizzjonijiet, u dibattiti marbutin mal-lingwistika fi ħdan il-komunità ta' riċerka internazzjonali u japplikawhom fl-analiżi tagħhom tar-realtà lingwistika Maltija.

Studenti tad-Dottorat (Ph.D.) fil-letteratura Maltija jiktbu teżi dwar element jew perspettiva tat-teorija, tal-estetika jew tal-kritika letterarja li qatt ma jkunu ġew studjati qabel. It-teżi tista' tiffoka fuq perjodi, ġeneri, awturi, jew testi partikulari tal-letteratura Maltija, imma tista' wkoll tiddiskuti elementi tat-teorija letterarja fid-dawl ta' dak li nkiteb bil-Malti. Fil-livell ta' dottorat, l-istudenti mhux biss jużaw l-iktar teoriji letterarji u skejjel ta' interpretazzjoni aġġornati iżda jirriflettu wkoll fuq kemm huma addattati bħala għodda ta' riċerka dwar il-qasam tal-letteratura Maltija li jkunu qed jistudjaw. F'dan is-sens, id-dottorandi jridu juru li kapaċi jidentifikaw u jevalwaw argumenti, tendenzi, tradizzjonijiet, u dibattiti marbutin mat-teorija u l-kritika letterarja fi ħdan il-komunità internazzjonali ta' riċerka tal-istudji letterarji u kulturali. Teżijiet dwar il-letteratura Maltija fil-livell ta' dottorat jistgħu jiddiskutu firxa kbira ta' suġġetti,

fosthom temi tat-teorija letterarja bħall-oriġinalità jew il-funzjonijiet tal-letteratura; ir-relazzjoni kumplessa bejn it-testi, l-awturi u l-qarrejja; il-konfini dejjem jiċċaqalqu bejn il-letteratura u l-kitbiet b'karatteristiċi letterarji, u bejn ġeneri differenti tal-letteratura; ir-rabta bejn l-arti tal-kelma u forom oħrajn tal-arti, bħall-kanzunetta, il-pittura jew iċ-ċinema; l-istorja letterarja u l-proċessi ta' kanonizzazzjoni; l-interpretazzjoni storiċista ta' movimenti, perjodi, awturi, jew testi individwali; ir-relazzjoni bejn il-letteratura u l-memorja individwali u kollettiva; ir-retorika fid-diskors pubbliku; il-letteratura Maltija fl-epoka diġitali; u l-letteratura orali. Id-dottorandi fil-letteratura Maltija jridu juru li kapaċi jieħdu sehem attiv fid-dibattiti internazzjonali dwar il-qasam li jkunu qed jispeċjalizzaw fih.

## MQF 8 | Tliet snin full-time; sitt snin part-time



# Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti

Dan il-kors online, li ilu jsir mill-2005 u ħarreġ mijiet ta' studenti, ħaddiema u professjonisti fil-kitba tal-Malti, iwassal għal Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti. Il-kors, li jibda fi Frar u jdum sena, jitmexxa mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

L-istudenti jistudjaw ir-regoli tal-kitba Maltija, il-fonoloġija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura, aspetti tekniċi fil-preżentazzjoni tal-ktieb, u l-għodod elettroniċi għall-qari tal-provi. Imbagħad fl-aħħar tal-kors jagħmlu proġett prattiku fil-qari tal-provi.




Għal dan il-kors japplikaw mhux biss dawk li joqogħdu Malta u Għawdex imma anke oħrajn li jaħdmu bil-Malti u jgħixu barra minn Malta. Huwa ideali għal dawk li jużaw il-Malti f'xogħolhom, bħalma huma:

- l-impjegati tas-settur pubbliku
- l-impjegati tas-settur privat
- il-ġurnalisti u x-xandara
- is-segretarji tal-kunsilli lokali
- l-edituri ta' rivisti u fuljetti parrokkjali
- l-edukaturi u l-impjegati tal-iskejjel
- l-awturi u l-pubblikaturi
- operaturi kulturali
- it-tradutturi li qed jaħdmu jew jixtiequ jaħdmu mal-Unjoni Ewropea.

Barra milli jitħarrġu bis-sħiħ fir-regoli tal-kitba, l-istudenti jitgħallmu dwar l-istorja tal-ilsien Malti, kif jiddisinjaw ktieb, u kif jużaw il-Malti fuq il-kompjuter. Dan dejjem fil-kumpanija ta' kollegi u taħt għajnejn letturi esperti.

L-istudenti li jgħaddu mill-kors jingħataw iċ-Ċertifikat Universitarju fil-Qari tal-Provi bil-Malti (MQF 5) u x-Xhieda ta' Għarfien (warrant) mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Isimhom jitniżżel ukoll fil-lista uffiċjali tal-qarrejja tal-provi tal-Malti kkwalifikati.

Il-kors huwa meqjus bħala garanzija ta' kwalità għal kull xogħol ta' qari tal-provi bil-Malti u jintalab għall-ingaġġ f'xogħol fil-pubblikazzjoni, fit-traduzzjoni u fix-xandir pubbliku. F'xi xogħlijiet, bħall-edukazzjoni, tingħata żieda fil-paga għal min ikollu ċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti.

**MQF 5 | Sena part-time, filgħaxija**

## Il-Malti bħala Lsien Barrani

Il-korsijiet tal-Malti bħala Lsien Barrani normalment isiru online u jinkitbu għalihom nies minn Malta u minn barra. Jekk ikun hemm biżżejjed applikanti jiftħu fl-ewwel u fit-tieni semestru, jiġifieri l-lezzjonijiet isiru bejn Ottubru u Frar u bejn Frar u Mejju ta' kull sena. L-applikazzjonijiet mis-sit uffiċjali tal-Università jiftħu fil-ġimgħat ta' qabel u ġieli jagħlqu għax inkunu mtlew il-postijiet kollha. It-tutorials jiffukaw fuq it-taħdit.



## MAL0011 | Beginner Level

Dan il-kors huwa maħsub għal dawk li għadhom se jibdew jitgħallmu l-ilsien Malti. Fil-lezzjonijiet jitgħallmu jlissnu, jaqraw, jifhmu, u jiktbu l-kliem ewlieni, sentenzi qosra u l-aktar espressjonijiet komuni bil-Malti, kif nużawhom fil-ħajja ta' kuljum. Ngħidu aħna, kif nintroduċu ruħna, insellmu lil xulxin, nitkellmu dwarna nfusna, dwar qrabatna u ħbiebna, u dwar fejn noqogħdu. It-tagħlim isir fl-isfond soċjokulturali tal-ħajja Maltija, hekk li l-kors jiswa bħala introduzzjoni kemm għall-ilsien Malti kif ukoll għall-komunità li titkellmu.

**MQF 1 | 28 siegħa lectures, 8 sigħat tutorials**

## MAL0012 | Elementary Level

Dan il-kors tfassal għal min diġà għandu ħakma ħafifa tal-ilsien Malti. Dawk li jidħlu għalih jitgħallmu jużaw il-Malti biex jikkomunikaw f'diversi sitwazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum: ngħidu aħna biex jesprimu l-bżonnijiet bażiċi u l-gosti tagħhom; jibbukkjaw mejda f'ristorant u jagħmlu appuntament; jistaqsu għad-direzzjonijiet; jikkomunikaw fil-ħwienet u mkejjen pubbliċi oħra; u jitkellmu dwarhom infushom, il-familja tagħhom u l-attivitajiet li jagħmlu matul il-ġurnata. Il-kors tfassal fuq il-prinċipji tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa (CEFR). L-istudenti li jtemmu l-kors b'suċċess jistgħu jitqiesu li laħqu l-Livell Bażiku A1 tas-CEFR.

**MQF 1 | 28 siegħa lectures, 8 sigħat tutorials**

## MAL0013 | Pre-Intermediate Level

Dan il-kors huwa maħsub għal dawk li għamlu l-korsijiet MAL0011 u MAL0012 jew diġà għandhom ħakma bażika tal-ilsien Malti. L-istudenti jitgħallmu jużaw il-Malti biex jikkomunikaw dwar temi ġenerali, bħall-ambjent naturali, l-ilbies u l-passatempi, u dwar sitwazzjonijiet li ġraw fl-imgħoddi u pjanijiet għall-ġejjieni. Il-kors tfassal fuq il-prinċipji tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa (CEFR). L-istudenti li jtemmu dan il-kors b'suċċess jistgħu jitqiesu li laħqu l-Livell Bażiku A2 tas-CEFR.

**MQF 1 | 28 siegħa lectures, 8 sigħat tutorials**

## MAL0014 | Intermediate Level

Dan il-kors huwa maħsub għal dawk li kisbu l-ewwel tliet livelli sa MAL0013 jew waslu fil-livell pre-Intermedju (CEFR A2) fit-tagħlim tal-Malti bħala lsien barrani. L-istudenti jitgħallmu jużaw il-Malti biex jikkomunikaw b'iktar dettall dwar temi ġenerali bħas-saħħa, il-karriera u l-kultura, u dwar sitwazzjonijiet li jitolbu iżjed għarfien lessikali bħad-dehra u d-deskrizzjoni tal-personalità. L-iskop ewlieni f'dan il-livell huwa li l-istudenti jkunu kapaċi jifhmu d-diskors u jitkellmu fil-passat u fil-futur. Il-kors iħejjihom biex jifhmu testi mill-ħajja ta' kuljum, bħal avviżi, programmi tat-televiżjoni, u fuljetti sempliċi. Minbarra li jsaħħaħ u jkabbar il-vokabolarju tagħhom, ix-xogħol li jsir fil-kors isaħħaħ ukoll l-istrutturi u l-għarfien li jkunu ġa kisbu, u jkabbar il-kunfidenza tagħhom fit-taħdit. Il-kors huwa mfassal fuq il-prinċipji tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa (CEFR). L-istudenti li jtemmu l-kors b'suċċess jistgħu jitqiesu li jkunu laħqu l-Livell Bażiku B1 tas-CEFR.

**MQF 2 | 28 siegħa lectures, 8 sigħat tutorials**

## MAL0016 | Pre-Advanced Level

Dan il-kors huwa maħsub għal dawk li jkunu għamlu l-kors MAL0014 jew waslu fil-livell Intermedju (CEFR B1) fit-tagħlim tal-Malti bħala lsien barrani. Dawk li jidħlu għalih jitgħallmu jużaw il-Malti biex jikkomunikaw dwar temi ġenerali, bħall-ġrajjiet kurrenti, l-istorja u l-ġejjieni, u dwar sitwazzjonijiet li jeħtieġu espressjonijiet idjomatiċi marbuta b'mod partikulari mal-lingwa Maltija. L-istudenti jitgħallmu jaqraw artikli u rapporti dwar ġrajjiet kurrenti li fihom l-awturi jieħdu pożizzjoni partikulari. Jitgħallmu wkoll jiktbu b'mod ċar fuq firxa ta' suġġetti marbutin mal-interessi tagħhom; jinteraġixxu b'ċerta ħeffa u spontanjetà biex ikunu jistgħu jitkellmu ma' kelliema nattivi; jieħdu sehem akbar f'diskussjonijiet li jseħħu f'kuntesti li jkunu familjari magħhom, u jispjegaw kif jaħsbuha; jifhmu diskorsi u taħditiet formali fit-tul u jsegwu l-argumenti ewlenin meta s-suġġett ikun inqas komuni; u jifhmu dejjem aktar dak li jkun qed jintqal fi programmi tat-televiżjoni u f'bulettini tal-aħbarijiet jew xandiriet dwar ġrajjiet kurrenti. Il-kors tfassal fuq il-prinċipji tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa (CEFR). L-istudenti li jtemmu dan il-kors b'suċċess jistgħu jitqiesu li laħqu l-Livell Bażiku B2 tas-CEFR.

**MQF 2 | 28 siegħa lectures, 8 sigħat tutorials**

## MAL0018 | Advanced Level

***JIBDA F'OTTUBRU 2025***

Dan il-kors huwa maħsub għal dawk l-istudenti li jkunu studjaw il-Malti bħala lsien barrani sal-kors MAL0016 jew dawk li għandhom ħakma tal-Malti li tirrifletti l-livell pre-Avvanzat. L-iskop hu li l-istudenti jiksbu l-livell ta' C1 tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa (CEFR). Il-lezzjonijiet jiffukaw fuq grammatika u sintassi avvanzata, firxa usa' ta' vokabolarju li jinkludi espressjonijiet idjomatiċi u kollokjaliżmi, u l-ħila tal-istudenti li jifhmu u jipproduċu testi kumplessi. Jiffukaw ukoll fuq kif jikkomunikaw b'mod effettiv fuq temi ġenerali, bħall-ġrajjiet kurrenti, l-istorja u l-ġejjieni, u dwar sitwazzjonijiet li jeħtieġu espressjonijiet idjomatiċi marbuta b'mod partikolari mal-ilsien Malti. L-istudenti jieħdu sehem f'diskussjonijiet u jagħmlu taħriġ tas-smigħ u tal-kitba ma' kelliema nattivi fuq suġġetti kumplessi. Fi tmiem il-kors, l-istudenti li jgħaddu jkunu laħqu l-livell C1 u għalhekk għandhom ikunu kapaċi jużaw l-ilsien Malti b'mod effettiv u flessibbli għal skopijiet soċjali u professjonali.

**MQF 2 | 28 siegħa lectures, 8 sigħat tutorials**

## MAL0021 | Speak Maltese! Basic Level 1

*JIBDA FI FRAR 2025*

Dan il-kors tfassal għal studenti li jkunu għamlu MAL0011 u MAL0012, jew MAL0012 biss. L-għan ewlieni huwa li l-parteċipanti jikkomunikaw b'mod produttiv permezz ta' Malti bażiku. Il-parteċipanti jitgħallmu kif isenslu sentenzi qosra billi jlissnu tajjeb kliem u espressjonijiet komuni li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Bis-saħħa t'hekk, il-parteċipanti jkunu jistgħu jitkellmu fil-qosor bil-Malti dwar suġġetti li huma familjari ħafna magħhom bħal meta jitkellmu dwarhom infushom, dwar il-familja, ix-xogħol, il-passatempi, kif ukoll biex iwasslu u jifhmu informazzjoni elementari u jixtru oġġetti u servizzi.

**28 siegħa kuntatt**



# Il-Malti għall-Professjonisti fl-Oqsma tas-Saħħa

Sabiex il-professjonisti mediċi barranin impjegati fis-settur tas-saħħa jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-pazjenti bil-Malti, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, bi sħab ma' entitajiet oħra, imexxi dawn il-korsijiet tal-Malti Mediku:

- **MAL0019** – Basic Medical Maltese for the Healthcare Professions 1 (50 siegħa lectures)
- **MAL0025** – Basic Medical Maltese for the Healthcare Professions 2 (50 siegħa lectures)

# Maltese for the Healthcare Professions

Il-lezzjonijiet jiffukaw fuq it-terminoloġija u l-frażijiet essenzjali li jintużaw fil-kuntesti mediċi u li permezz tagħhom il-ħaddiema jkunu jistgħu jitkellmu b'mod bażiku mal-pazjenti u jifhmu aħjar il-bżonnijiet tagħhom.

Il-lezzjonijiet isiru biż-Zoom jew pjattaforma simili. Il-kors huwa maħsub għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, fosthom tobba, infermiera, terapisti, u ħaddiema oħrajn li jiltaqgħu mal-pazjenti b'mod regolari u li jkollhom bżonn jitkellmu bil-Malti.

Il-kors normalment iħejji lill-ħaddiema għal sitwazzjonijiet li fihom iridu jistaqsu lill-pazjenti dwar saħħithom u dwar x'qed iħossu, u jgħidulhom x'għandhom jagħmlu biex jieħdu ħsieb saħħithom. L-għan hu li titjieb il-kura li tingħata billi tonqos kemm tista' d-distanza fil-komunikazzjoni bejn il-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti għax ikunu jistgħu jesprimu ruħhom bil-lingwa tagħhom.

**L-Għanijiet tal-Kors**

- Li jintroduċi vokabolarju Malti bażiku u frażijiet komuni użati f'ambjenti mediċi.
- Li jħejji lill-parteċipanti biex jitkellmu mal-pazjenti bil-Malti u jifhmu l-kundizzjoni tagħhom.
- Li jgħallem lill-parteċipanti kif jifhmu s-sintomi u t-tħassib tal-pazjenti u jgħidulhom x'għandhom jagħmlu.
- Li juri lill-parteċipanti kif għandhom jagħtu pariri u struzzjonijiet mediċi b'mod ċar u effettiv bil-Malti.

**Il-Kurrikulu u l-Kontenut**

- Vokabolarju Bażiku: L-introduzzjoni ta' termini mediċi komuni u frażijiet ta' kuljum li jintużaw fil-kura tas-saħħa.
- Interazzjoni mal-Pazjenti: Rikostruzzjoni ta' xenarji tipiċi biex il-professjonisti jitgħallmu jistaqsu lill-pazjenti dwar is-sintomi u l-istorja medika, u jitolbuhom tagħrif essenzjali ieħor.

- **Għarfien tas-Sintomi: Il-parteċipanti jitgħallmu jagħrfu u jifhmu d-deskrizzjonijiet tas-sintomi bil-Malti li jagħtuhom il-pazjenti.**
- Struzzjonijiet Mediċi: Il-parteċipanti jitgħallmu jispjegaw lill-pazjenti bil-Malti l-proċeduri, kif jieħdu l-mediċina, u l-kura li jridu jibqgħu jieħdu.
- Sensittività Kulturali: Issir enfasi fuq l-importanza li l-parteċipanti jifhmu l-isfumaturi kulturali u l-mod kif isiru l-affarijiet f'ambjenti ta' kura tas-saħħa Maltin.

**Ħiliet**

- Sa tmiem il-kors, il-parteċipanti għandhom ikunu kapaċi jitkellmu mal-pazjenti b'Malti bażiku, u b'hekk jgħinuhom iħossuhom aħjar u jtejbu l-kwalità tal-kura li jagħtuhom.
- Għandhom ukoll ikunu iktar kunfidenti fejn tidħol il-kapaċità tagħhom li jitkellmu mal-pazjenti bil-Malti, u b'hekk inaqqsu l-ostakli minħabba l-lingwa.



# Medical Maltese Proficiency Course

Fl-2013, il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u s-Senat tal-Università ddeċidew li applikanti minn barra għall-kors tal-Mediċina u l-Kirurġija għandhom jagħmlu eżami tal-Malti Mediku mitkellem. Dan il-kors tad-Dipartiment tal-Malti, MMP0001 Medical Maltese Proficiency, jagħti lill-istudenti l-ħiliet meħtieġa biex jikkomunikaw b'mod effettiv mal-pazjenti f'ambjent mediku u b'hekk iħejjihom għal dan l-eżami tal-Malti Mediku li minnu jridu jgħaddu biex jidħlu fil-kors tal-Mediċina.

Il-kors jintroduċi lill-istudenti għat-taħdit mediku bil-Malti u jiffoka fuq it-terminoloġija bażika tal-anatomija, il-komunikazzjoni bejn it-tobba u l-pazjenti, fuq il-ħila tal-professjonisti li jifhmu s-sintomi tal-pazjenti, u fuq l-interazzjoni f'kuntest mediku Malti. Matul il-kors, l-istudenti jistgħu jkabbru l-ħiliet komunikattivi tagħhom billi jitkellmu fuq suġġetti mediċi bħallikieku jinsabu f'sitwazzjonijiet tipiċi tax-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, l-istudenti jitgħallmu dwar il-grammatika tal-Malti u l-vokabolarju li jgħinhom biex jitħaddtu bil-Malti f'kuntest marbut mal-kura tas-saħħa.

L-iskop tal-kors hu li jintroduċi lill-istudenti għall-grammatika bażika u l-vokabolarju tal-Malti u jgħinhom jifhmu l-lingwa u biex jikkomunikaw verbalment b'Malti bażiku f'ambjent marbut mal-kura tas-saħħa.

Sa tmiem il-kors, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jitkellmu bil-Malti f'kuntest mediku, jużaw vokabolarju bażiku marbut mal-kura tas-saħħa, u jifhmu lill-pazjenti meta jkellmuhom bil-Malti fuq is-sintomi ġenerali tagħhom. Għandhom ukoll jiksbu ċerta ħakma tal-Malti komunikattiv f'livell bażiku; jiffamiljarizzaw ruħhom mal-vokabolarju mediku bażiku; u jkunu kapaċi japplikaw dawn il-ħiliet f'konverżazzjonijiet sempliċi mal-pazjenti u l-kollegi fil-qasam mediku.

**240 siegħa lectures**

## DegreePlus

Dawn il-korsijiet fil-programm tad-DegreePlus tal-Università ta' Malta jsiru bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Malti u jistgħu japplikaw għalihom l-istudenti tal-Università u l-pubbliku inġenerali. Uħud minnhom isiru fil-post, fuq il-kampus Tal-Qroqq, waqt li oħrajn isiru online. Uħud minnhom isiru dejjem fil-post, iżda f'oħrajn jaf ivarja l-mod kif isiru skont il-perjodu tas-sena. Għalhekk araw l-avviżi tal-kors li tridu tidħlu għalih biex tkunu tafu kif se jsir.

## DGP0455 Nagħmlu Storja Tinkiteb

Dan il-kors prattiku u intensiv jiffoka fuq in-novella u forom oħra ta' proża bil-Malti. Matulu nistħarrġu aspetti fundamentali tal-kitba ta' storja u l-preżentazzjoni tal-istess storja quddiem udjenza.

Il-kors jibda billi jħares lejn dak li nkiteb diġà u lejn dak li qed jinkiteb. Għalhekk, inħarsu lejn xogħlijiet mil-letteratura lokali u mil-letteratura barranija bħala punt tat-tluq. Dawn l-eżempji jservu ta' mudell biex minnhom nisiltu eżempji partikolari li jgħinu lill-parteċipanti jirriflettu fuq l-att tal-kitba nnifsu u fuq it-tekniki diversi li jistgħu jitħaddmu u l-effett li jħallu.

Il-programm jinkludi sessjonijiet dwar il-karatteristiċi speċifiċi tan-novella, l-istrateġiji narrattivi, l-iżvilupp tal-karattri, ir-ritmu tal-proża, il-vuċi u t-ton, u s-sehem sikwit determinanti tal-metafora u l-lingwaġġ figurattiv inġenerali fin-narrattiva kontemporanja.

Kull sessjoni ta' sagħtejn tinqasam f'qari, riflessjonijiet u istruzzjonijiet, u f'ħin għal kitba prattika li tesperimenta b'mekkaniżmi u strateġiji differenti. Lill-parteċipanti nħeġġuhom jaħdmu waħedhom u fi gruppi. Fuq kollox, il-kors iħeġġeġ lill-parteċipanti jesperimentaw u ma jibżgħux jiktbu l-ewwel sentenzi tagħhom.

**16-il siegħa lectures**

## DGP0456 Ritmi Mqallba

Dan il-kors prattiku u intensiv tal-kitba tal-poeżija jiffoka fuq il-mekkaniżmi ewlenin li huma meħtieġa biex tinbena poeżija biċċa biċċa u biex il-poeżija ma tibqax biss kliem fuq karta, imma tieħu ħajja ġdida lil hinn, speċjalment quddiem udjenza.

Il-kors jibda billi jħares lejn dak li nkiteb diġà kif ukoll lejn dak li qed jinkiteb. Poeżiji oħra, kemm Maltin kif ukoll barranin, iservu ta' mudell biex minnhom jinsiltu eżempji partikolari li jgħinu lil dak li jkun jirrifletti fuq l-att tal-kitba nnifisha u fuq it-tekniki diversi li jistgħu jitħaddmu u l-effett li jħallu. Għalhekk, dawk li jiktbu l-poeżija jinvestu l-ħin u l-enerġija kreattiva tagħhom mhux biss f'kitba li tfittex l-aħjar espressjoni possibbli imma qabelxejn fil-qari tal-poeżija. Kull sessjoni ta' sagħtejn tinqasam f'qari, riflessjonijiet u istruzzjonijiet, u f'ħin għal kitba prattika li tesperimenta b'mekkaniżmi u strateġiji differenti.

It-temi li se jiġu indirizzati huma varji u permezz tagħhom joħroġ fid-dieher kif tiġi indirizzata tema minn poeti differenti, fi żminijiet differenti. Il-kors iħares lejn tekniki bħar-ripetizzjoni u l-enjambment, kif ukoll ir-rwol fundamentali tar-ritmu u tax-xbihat figurattivi li ħafna drabi tfittex il-poeżija. Il-kors iħeġġeġ lill-parteċipanti jesperimentaw u ma jibżgħux jiktbu l-ewwel versi tagħhom.

**16-il siegħa lectures**

## DGP0453 Tisħiħ fil-Kitba tal-Malti 1

Dan il-kors hu maħsub għal studenti li qed jistudjaw f'oqsma akkademiċi differenti u jixtiequ jiksbu ħila ikbar fl-użu tal-Malti biex iħejju ruħhom aħjar għall-ħajja professjonali, u għal membri tal-pubbliku li jixtiequ jsaħħu l-għarfien tagħhom fil-kitba tal-Malti.

Il-kors joffri tagħrif u taħriġ ortografiku li bih l-istudenti jkunu jistgħu jsaffu l-kitba tagħhom mill-iżbalji u jaġġornaw ruħhom mar-regoli ewlenin tal-ortografija Maltija. Fost l-aspetti ortografiċi spjegati waqt il-lezzjonijiet u li jingħata taħriġ dwarhom hemm il-vokali ie; il-konsonanti għ u h; il-vokali tal-leħen; il-konsonanti mniffsin (rotob) u mleħħnin (qawwija); il-prepożizzjonijiet u l-artiklu; il-kitba tan-numri; u l-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti.

Il-kors iħarreġ lill-istudenti fl-użu tajjeb tal-Malti b'għadd ta' eżerċizzji prattiċi li għandhom jgħinuhom biex jaħkmu u jħaddmu sew ir-regoli li jkunu tgħallmu.

**16-il siegħa lectures**

## DGP0459 L-Użu tal-Malti fil-Qasam Legali

Dan il-kors huwa mmirat għal studenti li qed jistudjaw fil-qasam legali, li huma diġà midħla tal-ilsien Malti imma jixtiequ jtejbu l-użu tiegħu fil-qasam tal-liġi u jiksbu ħiliet ġodda, speċjalment fil-kitba ta' strumenti legali, biex iħejju ruħhom aħjar għax-xogħol fil-professjoni tagħhom.

Matul il-kors, l-istudenti jitħarrġu kif jifhmu u jinterpretaw it-terminoloġija li tintuża fil-qasam tagħhom, kif jagħżlu kliem minn ieħor meta jiġu biex jifformulaw dokumenti ġodda, kif jagħtu stil u forma attraenti u li tiftiehem lill-kitba tagħhom, kif jevitaw ċerti żbalji ortografiċi li jista' jkollhom konsegwenzi legali, u kif, fil-professjoni tagħhom, jispjegaw id-dokumenti b'mod ċar u b'lingwa diretta li tiftiehem.

**16-il siegħa lectures**

## DGP0457 Il-Lingwa tas-Saħħa, is-Saħħa tal-Lingwa

Dan il-kors huwa maħsub għal studenti li qed jispeċjalizzaw fl-oqsma tas-saħħa u diġà huma midħla sew tal-ilsien Malti. Il-kontenut ikopri t-terminoloġija marbuta mal-anatomija u l-fiżjoloġija, il-mard u s-sintomi, il-kura u t-trattamenti, u l-bqija, u jiffoka fuq l-alternanza bejn termini tekniċi u termini popolari, u l-isfumaturi tal-lingwaġġ tas-saħħa, fosthom l-ewfemiżmi, l-ellissi, u l-varjanti reġjonali. B'hekk, sa tmiem il-kors, l-istudenti jsaħħu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom biex il-komunikazzjoni mal-professjonisti tas-saħħa, mal-pazjenti u l-klijenti tkun effettiva, għax komunikazzjoni effettiva hi kruċjali għal saħħet il-pazjenti u għall-kwalità tas-servizzi tas-saħħa li jingħataw.

Il-kors tfassal bi sħab ma' professjonisti u ħaddiema minn setturi differenti tas-saħħa u jinkludi element ta' riċerka min-naħa tal-istudenti fuq xogħolhom. Il-lezzjonijiet jagħtuhom l-opportunità li jifhmu u jħaddmu l-Malti mediku li jinqdew bih il-kelliema u fl-istess ħin jiksbu ħiliet ġodda biex iħejju ruħhom aħjar għax-xogħol fil-professjoni tagħhom.

**16-il siegħa lectures**

Waqt li għamilna kull sforz biex it-tagħrif ġenerali li nagħtu f'dan il-ktejjeb ikun korrett, dejjem għandkom tikkonsultaw is-siti uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti u tal-Università ta' Malta għal tagħrif uffiċjali u aġġornat.

# Katalgu

**Il-Malti bħala Lsien Barrani**

MAL0011 Maltese as a Foreign Language: Beginner Level
MAL0012 Maltese as a Foreign Language: Elementary Level
MAL0013 Maltese as a Foreign Language: Pre-Intermediate Level
MAL0014 Maltese as a Foreign Language: Intermediate Level
MAL0016 Maltese as a Foreign Language: Pre-Advanced Level
MAL0018 Maltese as a Foreign Language: Advanced Level
MAL0021 Speak Maltese! Basic Level 1

**Il-Malti f'Oqsma Speċjalizzati**

MAL0004 Maltese for Radiographers/ Il-Malti għar-Radjografi
MAL0019 Basic Medical Maltese for the Healthcare Professions 1
MAL0025 Basic Medical Maltese for the Healthcare Professions 2
MAL1211 Il-Malti għall-Komunikazzjoni
MAL2031 Il-Malti għall-Ħaddiema Soċjali
MAL2032 Il-Malti għall-Amministraturi Pubbliċi
MMP0001 Medical Maltese Proficiency
HRMD UM Kors ta' tisħiħ fl-użu tal-Malti għall-istaff tal-Università

**Baċellerat fil-Malti**

MAL1002 Il-Varjabbli Soċjolingwistiċi f'Malta
MAL1003 L-Ortografija tal-Malti
MAL1006 Introduzzjoni għall-Fonetika u l-Fonoloġija tal-Malti
MAL1020 Minn Djalett Għarbi għal Ilsien Nazzjonali: L-Istorja tal-Malti
MAL1021 Daħla għal-Lingwistika
MAL1055 Daħla għan-Narrattiva
MAL1060 L-Idea tal-Letteratura
MAL1070 L-Eqdem Testi Poetiċi Maltin
MAL1071 L-Adattament tal-Letteratura Maltija għall-Film
MAL1090 Il-Kritika Letterarja: Il-Prattika 1
MAL1095 Is-Sengħa tal-Kitba
MAL1190 Stħarriġ Prattiku tal-Poeżija 1
MAL1213 Il-Kitba tal-Ilsien Għarbi
MAL1290 Stħarriġ Prattiku tal-Proża 1

MAL2005 Is-Sintassi tal-Malti
MAL2007 Kors Monografiku fil-Lingwistika Maltija 2
MAL2009 Il-Lessikografija Maltija
MAL2015 Is-Semantika Lessikali fil-Malti
MAL2016 Dokumenti Qodma bil-Malti
MAL2017 Il-Pjanifikazzjoni Lingwistika

MAL2019 Il-Korpus tal-Malti
MAL2021 Il-Fonetika u l-Fonoloġija tal-Malti
MAL2022 Il-Morfoloġija Derivattiva tal-Malti
MAL2023 Il-Malti Lsien Imħallat
MAL2027 Id-Djaletti tal-Malti
MAL2028 Il-Ġens Grammatikali fil-Malti
MAL2050 Il-Partijiet tad-Diskors
MAL2055 Teoriji tal-Letteratura
MAL2060 Ir-Retorika
MAL2070 Il-Poeżija Romantika: Dun Karm, Rużar Briffa u Oħrajn
MAL2071 Il-Poeżija Romantika: Zammit, Vassallo u Oħrajn
MAL2080 In-Narrattiva Storika u Realista
MAL2084 Daħla għall-Kultura Maltija
MAL2090 It-Teatru Malti mill-Bidu sa Ebejer
MAL2091 Il-Kritika Letterarja: Il-Prattika 2
MAL2150 Id-Djalett Sqalli u l-Element Sqalli fil-Malti
MAL2166 It-Tradizzjoni Orali
MAL2191 Stħarriġ Prattiku tal-Poeżija 2
MAL2204 Is-Sengħa tat-Traduzzjoni
MAL2291 Stħarriġ Prattiku tal-Proża 2

MAL3002 Kors Sinottiku fil-Lingwistika Maltija
MAL3003 Il-Morfoloġija Inflettiva tal-Malti
MAL3004 Studjużi tal-Malti: De Soldanis u Vassalli
MAL3005 Is-Sentenza Nominali fil-Malti
MAL3006 Oqsma Sintattiċi fil-Malti
MAL3009 Kors Sinottiku fil-Lingwistika Maltija
MAL3012 Is-Sekwenza tal-Verbi fil-Malti
MAL3044 Temi Ewlenin fl-Iżvilupp tal-Malti
MAL3056 Teorija u Estetika Letterarja
MAL3068 Il-Mediterranjetà u l-Letteratura Maltija
MAL3070 Il-Poeżija Moderna: Mill-Isfond Storiku sal-Ilħna Mkissra
MAL3071 Il-Poeżija Moderna: Dħaħen fl-Imħuħ
MAL3080 In-Narrattiva Moderna: Minn Camilleri sa Żahra
MAL3081 In-Narrattiva Moderna: Borg, Balzan u Mahoney
MAL3085 Kors Sinottiku fil-Letteratura Maltija
MAL3091 Kors Sinottiku fil-Letteratura Maltija
MAL3099 Il-Metafora: Fil-Ħajja ta' Kuljum u fil-Letteratura
MAL3110 It-Teatru Malti mill-Indipendenza sal-Kontemporanji
MAL3142 Il-Letteratura mis-Snin 90: It-Teatru
MAL3240 Il-Letteratura mis-Snin 90: In-Narrattiva
MAL3241 Il-Letteratura mis-Snin 90: Il-Poeżija

**Masters fil-Malti (bir-Riċerka)**
MAL5000 Il-Metodoloġija tal-Qasam Magħżul ta' Riċerka
MAL5099 Dissertazzjoni

**Masters fl-Arti (bit-Tagħlim) (ILMA)**
MAL5003 Perspettivi Fenomenoloġiċi
MAL5004 L-Istorja mhux Miktuba
MAL5005 Il-Letteratura u l-Memorja
MAL5006 Il-Ġisem u l-Letteratura
MAL5007 Ir-Rispons tal-Qarrejja
MAL5008 Il-Ġeneru u s-Sesswalità
MAL5009 Ir-Reliġjon u l-Letteratura
MAL5010 Retorika u Ingann
MAL5012 L-Ermenewtika Letterarja: Teorija u Prattika
MAL5013 Id-Djalogu ma' Forom Artistiċi Oħra
MAL5014 Il-Pajsaġġ Urban u Rurali
MAL5015 Il-Kitba Kreattiva: Teorija u Prattika
MAL5016 Teżi tal-M.A.

**Dottorat**
DOC6065 Malti Komunikattiv għar-Riċerka

**Ċertifikat fil-Qari tal-Provi**
MAL1030 Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 1
MAL1031 Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 2
MAL1032 Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti
MAL1040 Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti
MAL1046 Elementi Sintattiċi u l-Punteġġjatura
MAL1047 Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Ktieb
MAL1048 L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi
MAL1049 Proġett Prattiku fil-Qari tal-Provi

**DegreePlus**
DGP0455 Nagħmlu Storja Tinkiteb
DGP0456 Ritmi Mqallba
DGP0453 Tisħiħ fil-Kitba tal-Malti 1
DGP0459 L-Użu tal-Malti fil-Qasam Legali
DGP0457 Il-Lingwa tas-Saħħa, is-Saħħa tal-Lingwa